# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 409/2016 u 418/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Anton Mallia**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anton Mallia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 206875M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli:

1. Fit-30 ta' Jannar, 2008, wara tfittxija li saret minn ufficjali tal-Pulizija fil-vettura Volkswagon Golf bin-numru tar-registrazzjoni KAE 203 gewwa l-Belt Valletta fil-vicinanzi tat-telgha tal-Kurcifiss, instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu

u/jew depozitati ghandu u/jew kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib jew habi ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht:

Sigaretti misjuba fil-vetura numru KAE 203: kaxxa b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna, tal-marka Rothmans Blue, b'valur ta' €228.30, dazju ta' importazzjoni ta' €131.50, dazju tas-sisa ta' €1,095.20, u taxxa fuq il-valur mizjud ta' €261.90.

2. Kif ukoll, talli fl-istess data, post u cirkostanzi, xjentement kontra l-ligi ddispona minn sigaretti ta' din ix-xorta, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern nta' Malta minn dazju u taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-dwana dwar dawn is-sigaretti, u dan fi kwantita' kif jidher hawn taht:

Sigaretti sdazzjati misjuba fil-vettura numru CIG 004: 4 kaxxi b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue, b'valur ta' €913.20, dazju ta' importazzjoni ta' €526.00, dazju tas-sisa ta' €4,380.80, u taxxa fuq il-valur mizjud ta' €1,047.60.

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristrett u/jew limitati, ghandhom valur totali ta' €1,141.50, dazju tas-sisa dovut ta' €5,476.00 u wkoll dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T) li jammontaw ghal €657.50 u €1,309.50 rispettivament, fejn liema dazji u taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati.

Ukoll, fuq talba tal-Kummissarju tal-Value Added Tax;

3. Talli fit-30 ta' Jannar, 2008, wara tfittxija li saret minn ufficjali tal-Pulizija fil-vettura Volkswagon Golf bin-numru tar-registrazzjoni KAE 203 gewwa l-Belt Valletta fil-vicinanzi tat-telgha tal-Kurcifiss, instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib jew habi ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht:

Sigaretti misjuba fil-vettura numru KAE 203: kaxxa b'50 kartuna kull jaxxa, b'200 sigarett kull kartuna, tal-marka Rothmans Blue, b'valur ta' €228.30, dazju ta' importazzjoni ta' €131.50, dazju tas-sisa ta' €1,095.20, u taxxa fuq il-valur mizjud ta' €261.90.

4. Kif ukoll, talli fl-istess data, post u cirkostanzi, xjentement kontra l-ligi ddispona minn sigaretti ta' din ix-xorta, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta minn dazju u taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-dwana dwar dawn is-sigaretti, u dan fi kwantita' kif jidher hawn taht:

Sigaretti sdazzjati misjuba fil-vettura numru CIG 004: 4 kaxxi b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue, b'valur ta' €913.20, dazju ta' importazzjoni ta' €526.00, dazju tas-sisa ta' €4,380.80, u taxxa fuq il-valur mizjud ta' €1,047.60

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta' €1,141.50, dazju tas-Sisa dovut ta' €5,476.00 u wkoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) li jammontaw ghal €657.50 u €1,309.50 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti u hlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Lulju, 2016 li biha sabet lill-Anton Mallia hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-multa komplessiva ta' €600 u sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sena ai termini tal-istess Artikolu. Terz tal-multa tqieset bhala dejn civili tithallas lid-dipartiment tad-dwana. Inoltre, ordnat il-konfiska tal-vettura u tal-oggetti elevati.

Rat ir-rikors tal-appell ta' **Anton Mallia**, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 t' Awwissu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirrevoka u thassar** is-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat ukoll ir-rikors tal-appell tal-**Avukat Generali**, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 t'Awwissu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ghandhom jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza, kif ukoll ordnat l-konfiska tal-vettura u tal-oggetti elevati, u **tirrevokaha u thassarha** f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-multa komplessiva ta' €600 u tipprosegwi

sabiex tinfliggi multa li hija fil-parametri tal-ligi u kif ukoll adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern fejn terz minn dak l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana;

Rat l-aggravji ta' Anton Mallia;

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata ta' Anton Mallia esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dwar din is-sentenza appellaw sia l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali b'dan tal-ahhar jilmenta dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti filwaqt li l-imputat jillanja s-sejbien ta' htija. Huwa logiku ghalhekk illi l-appell tal-imputat ikun trattat qabel dak tal-Avukat Generali;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, din il-Qorti tosserva diversi nuqqasijiet fis-sentenza appellata. Din inghatat kontra Anton (Anton-John) Mallia minghajr ma hemm indikazzjoni tal-konnotati tieghu. Minnufih wara, hemm is-segwenti zewg paragrafi: "Il-Qorti: Rat – Semghet – Ikkonsidrat". Fl-ahhar parti tas-sentenza imbaghad hemm mnizzel: "Taqta' u tiddeciedi ghalhekk billi issib l-imputat hati tal-akkuzi kollha riportati kontra tieghu". Fir-realta' izda, l-ewwel Qorti ma rriportat ebda "akkuzi" u ghalhekk ma huwiex konstatabbli l-

imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant. Il-Qorti ghalhekk qieghda *ex officcio* tissolleva dan kollu ghaliex din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku li tista' taghti lok ghan-nullita' tas-sentenza appellata;

3. Gia mill-qari tas-sentenza appellata jirrizulta nuqqas serju fl-ommissjoni tal-ewwel Qorti li tindika l-fatti li dwarhom kien misjub hati. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jobbliga lill-Qorti b'formalita' *sine qua non* fejn si tratta tal-kontenut tas-sentenzi taghha u jitlob semplicement li kull sentenza ghandha tinkorpora fiha l-fatti li taghhom tkun instabet htija, l-piena u indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi li tkun tikkontempla dak ir-reat. In-nuqqas ta' adezjoni ma' dan ir-rekwizit ghandu jitqies bhala nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jgib bhala konsegwenza in-nullita' tas-sentenza. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.

4. Dan l-artikolu ma jitlob ghall-ebda forma partikolari ta' kif il-Qorti ghandha tghid x'inhuma l-fatti tal-kaz. Hija l-prassi accettata illi bir-riproduzzjoni fis-sentenza tal-imputazzjonijiet jew l-akkuzi ikun sodisfatt il-vot tal-ligi ghaliex b'hekk tkun qed issir rassenja tal-fatti tar-reat (ara fost skorta ta' sentenzi: l-Pulizija vs Peter Abdilla 28.7.2010; Il-Pulizija vs Mariella Caruana 1.12.2010; Il-Pulizija vs John Tanti 24.1.2013 u l-Pulizija vs Carmelo Polidano 11.12.2013). Izda, meta ma hemm l-ebda rassenja ta' fatti, anke jekk mod iehor, allura dik is-sentenza tkun karenti minn formalita' essenzjali ghall-validita' taghha. F'dik hawn skrutinata inghad biss hekk: "*Il-kawza titratta reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37), l-Att dwar*

*Dazju tas-Sisa (Kap 382) u l-Att fuq il-Valur Mizjud (Kap 406). L-imputat jinsab mixli li fit-30 ta' Jannar 2016 kien fil-pussess ta' sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju u VAT*" li fil-fehema ta' din il-Qorti mhux sufficjenti biex jissodisfa r-rekwizit ravvizat fl-artikolu 382;

5. Kif gia kellha l-opportunita' li tispjega din il-Qorti fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Albert Caruana tat-30 ta' Jannar 2017, "Meta fis-sentenza taghha l-Qorti ssemmi, u f'dan il-kaz tirriproduci, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, tkun essenzjalment qed tghid il-**fatti** li dwarhom huwa kien ipprocessat b'mod allura li ikun sodisfatt ir-rekwizit kontemplat fl-artikolu 382." Fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti ghamlet biss sunt tal-fatti li bihom kien imputat l-appellant u harsa lejn l-imputazzjonijiet minnufih juri li dan ma jistax jitqies bhala esposizzjoni tal-fatti li bihom kien imputat;

6. Illi fuq dan l-element wahdu is-sentenza hija karenti f'formalita' essenzjali kif rikjesta mill-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali billi nieqsa mill-esposizzjoni tal-fatti u ghalhekk qed thassar is-sentenza appellata. Konsegwentement din il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fit-termini tal-artikolu 438(3) tal-Kodici Kriminali.

7. Issa, kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs John Giardina** App Krim 72/2016 – 25.2.2019: "Illi dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita; li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa <u>biss</u> dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn

allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma' u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara **Il-Pulizija vs Karmenu Attard** App Kri 28.4.1995) Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igiefieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]);

8. Mill-provi akkolti, jemergi illi lura f'Jannar 2008 il-Pulizija tal-Iskwadra tad-Droga kienu rcevew informazzjoni li aktarx kien qed isir xi negozju ta' droga taht it-telgha tal-Krucifiss, il-Furjana. Il-Pulizija accediet fuq il-post u nnuttaw persuna qed titrasferixxi kaxxi minn vettura ghal vettura ohra. Dawn il-kaxxi rrizultaw li kienu jikkontjenu sigaretti u ghalhekk iz-zewg sewwieqa kienu arrestati minnufih;

9. **L-Ispettur Ian Jospeh Abdilla** xehed li l-Pulizija ta' kontra d-droga kienu sabu zewg persuni li kienu qed ihottu 5 kaxxi sigaretti ta' hamsin kartuna-il wahda tal-marka Rothmans b'200 sigarett kull kartuna, suspettati kuntrabandu. L-ispettur rrakkonta dak kollu li l-appellant qallu per via ta' stqarrija izda dan mhux ser ikun riportat ghar-ragunijiet moghtija aktar tard f'din is-sentenza. Fil-kors tad-deposizzjoni tieghu huwa esebixxa ricevuta ta' vettura tal-marka VW Golf KAE 203 (Dol IAJ 4), kaxxa b'50 kartuna ta' 200 sigarett tal-marka Rothmans Blue misjuba f'din il-vettura (Dok IAJ 5) u ricevuta tal- vettura l-ohra CIG 004 u 4 kaxxi sigaretti ohra misjuba fiha li kienu tal-ko akkuzat Roy Joseph Cremona fi proceduri separati(Dok IAJ 3). Esebixxa ukoll ricevuta mahruga minn John J Azzopardi, Spettur tad-Dwana li kien ha konsenja

tal-vettura ta' l-imputat u l-kaxxa sigaretti kontenenti 50 kartuna. (Dok IAJ7 u 8) ;

10. **PS. 1086, Johan Micallef** xehed illi flimkien ma' WPS 127 u PC 1213 kienu nizlu fuq zewg vetturi li kienu jidhru suspettuzi u waqqfu lill-appellant u lil certu Joseph Cremona li kellhom l-vetturi taghhom parkeggjati wara xulxin taht it-Telgha tal-Kurcifiss, il-Belt Valletta. Dawn kien qed jghaddu kaxxi minn vettura ghall-ohra li kienu jidhru li fihom grosos ta' sigaretti. Fil-vettura tal-appellant kien hemm kaxxa wahda u f'dik tal-ko-akkuzat f'kawza separata kien hemm erba kaxxi;

11. **Paul Dimech**, ufficcjal tad-Dwana esebixxa Nota ta' Qbid mahruga mit-Taqsima tad-Dwana lil Dorothy Mallia tal-vettura VW Golf u Nota ta' Qbid mahruga lill-appellant dwar kaxxa b'50 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna – Rothmans Blue. Ipprezenta ukoll Seizure Note ta' kaxxa sigaretti moghtija lil Anton Mallia u ohra lil Dorothy Mallia li skond hu hija sid il-vettura KAE 203. u pprezenta l-oggetti, vettura u master case ta' Rothmans Blue, formalment. Fir-rigward tal-ko-akkuzat fi proceduri separati pprezenta Seizure Note ta' vettura u ohra ta' erba' kaxxi sigaretti (dawn is-Seizure Notes, izda ma jidhrux in atti minkejja li fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Gunju, 2014 hemm indikat li esebixxa Dok PD1 u 2);

12. **Paul Scicluna**, rapprezentant tal-Kummissartu tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud prezenta Letter to Prosecute ghall-din il-kaxxa sigaretti li fiha hemm dikjarata l-valur taghha fl-ammont ta' €228.30, Dazju ta' Importazzjoni €131.50, Dazju tas-Sisa €1095.20 u VAT €261.90. L-istess Letter to Prosecute hija fil-konfront ta' ammont ta' 4 kaxxi sigaretti ohra tal-istess marka misjuba fil-vettura CIG 004 valur €913.20, Dazju ta' Importazzjoni 526.00. Dazju tas-Sisa €4380.80 u Vat 1047.60 u ghalhekk il-hames kaxxi ghandhom valur totali ta' €1141.50,

Dazju tas-Sisa €5476.00, Dazju ta' Importazzjoni €657.50 u VAT ta' €1309.50;

13. **Carmel Sammut**, Valuation Officer tad-Dwana, xehed illi l-kaxxa sigaretti fil-kaz ta' Anton Mallia ghandha valur ta' €228.30 CIF filwaqt illi l-erba kaxxi fir-rigward tal-ko-akkuzat f'kawza ohra (li nstemghet flimkien ma' dik odjerna) tiswa €913.20 CIF, it-tnejn qabel jithallas id-dazju u dan skond id-database tad-Dipartiment mibnija fuq kampjuni ta' fatturi ta' sigaretti b'dak l-isem mpurtati gewwa Malta (Dok CS 2 fol 62);

14. **Stephen Cachia**, rapprezentat ta' Trasport Malta, xehed li l-vettura KAE 203 hija registrata fuq Anton Mallia filwaqt illi dik numru CIG 004 hija registrata fuq Joseph Cremona;

15. **L-appellant** xehed illi dak iz-zmien kien, u anke llum ghadu, ipejjep tlett paketti sigaretti kull jum u ried ghalhekk jixtri sigaretti tajbin u fl-istess hin jiffranka u kien irnexxielu jsib izda kellu jixtri b'kemm jiswew b'elfejn lira Maltin. Jghid illi kien qed ifittex jixtri sigaretti tajbin bhalma ssib tixtri minn hanut normali izda la darba kien ser jixtri bil-kwantita' kien qed jistenna li dawn ikunu irhas. Huwa spjega kif kien qed jiehu te f'hanut f'Haz Zebbug u sema' persuna titkellem dwar sigaretti u staqsa jekk dan ikollux sigaretti ghall-bejgh ghal liema domanda wiegbu fl-affermattiv izda li ghalhekk kellu jixtri bil-kwantita' fis-somma ta' elfejn lira Maltin. L-ghada iddecieda li jixtrihom izda ma kienx jaf li kienu kontrabandu ghaliex kienu ppakjati f'kaxxi u ghalhekk ma setghax jara jekk kellhomx it-tikketta li turi li kellhom d-dazju mhallas. L-appellant jghid li xtara hames kaxxi kbar li fuqhom kellhom il-marka Rothmans u li f'kull kaxxa kien hemm hamsin pakkett. L-elfejn lira maltin li hallas kienu kwazi l-flus kollha li kellu. Jghid ukoll illi qatt ma ghaddielu l-hsieb li dawn is-sigaretti setghu kienu kontrabandu. Huwa gabarhom minn gewwa garage f'Haz

Zebbug mhux boghod mill-hanut fejn iltaqa' ma' dan il-persuna. Wara li gabar il-kaxxi ried imur jaghmel qadja l-Belt izda qabel ghadda ghand il-ko-imputat ghaliex jafu, ha te ghandu u peress illi kien sejjer l-Imqabba, talbu biex iwassallu tlieta mill-kaxxi is-Siggiewi, fejn joqghod l-appellant, peress illi kellu bzonn jghaddi l-Belt biex jigbor xi haga u b'hekk ma kienx fadallu spazju fil-karozza u kien dak il-hin li gew fuqhom il-Pulizija;

L-istqarrija:

16. Wiehed mill-aggravji tal-appellant jirrigwarda l-istqarrija minnu rilaxxjata u jressaq l-argument illi it-tehid ta' din l-istqarrija minghajr ma inghata d-dritt ta' ghajnuna legali tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq u talab li din tkun skartata. Minekjja dan, l-imputat jaghmel referenza ghall-istqarrija tieghu bhala parti favorevoli ghalih f'aggravji ohra. Il-Qorti m' ghandhiex ghalfejn tinoltra fit-tul dwar din it-talba stante li din l-istqarrija ttiehdet fis-sena 2008 fi zmien meta ma kienx ghadu permess id-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju, liema prassi kienet konsiderata bhala "a systematic breach" mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dwar dan issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Bernice Camilleri tat-12 ta' Marzu, 2020. Illi ghalhekk l-istqarrija tal-imputat esebita in atti ser titqies bhala li kieku qatt ma kienet esebita u referenza ghaliha u ghal dak li intqal mill-imputat bhal li kieku qatt ma rrilaxxja l-istess;

**Mertu**:

17. Mill-assjem tal-provi jemergi illi l-appellant kien intercettat b'kaxxa sigaretti gewwa l-vettura tieghu li kienet pparkeggjata wara vettura ohra ta' terza persuna li fiha kien

hemm erba' kaxxi ohra. Dawn il-kaxxi instab li kien fihom grosos ta' sigaretti ohra u li fuqhom ma kienx thallas id-dazju skond il-ligi, wisq anqas Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Il-kaxxa sigaretti misjuba fil-vettura tal-imputat ghandha valur ta' €228.30 qabel jithallas id-dazju skond l-Ufficcjal tal-Valutazzjoni mid-Dipartiment tad-Dwana, Carmel Sammut. L-erba' kaxxi misjuba fil-vettura l-ohra kellhom valur ta' €913.20. Tosserva din il-Qorti illi dan ix-xhud kien mistoqsi diversi drabi jekk dawn is-sigaretti kellhomx d-dazju mhallas u evita li jwiegeb billi qal diversi drabi li dak huwa l-valur tas-sigaretti. Huwa spjega kif wasal ghall-valur u qal li dak kif jirrizulta mid-*database* tad-Dwana bazat fuq importazzjoni minn agenti differenti u pajjizi differenti;

18. Minn ezami akkurat tad-deposizzjonijiet kollha jirrizulta biss b'mod inkonfutabbli illi hawnhekk si tratta ta' hames kaxxi ta' sigaretti konfiskati mill-Pulizija u mghoddija lill-Ufficcjal tad-Dwana. Wahda minn dawn il-kaxxi kienet fil-vettura tal-imputat. Issa, sabiex ikun kontemplat ksur tal-Kapitolu 37 tal-ligijiet ta' Malta ghal dak li hu pussess ta' sigaretti li fuqhom ma jkunx ikkawtelat id-dazju relattiv, jehtieg *in primis* li jirrizulta li fil-fatt dawk is-sigaretti ma jkunx thallas dak id-dazju fuqhom. Dan huwa verifikabbli mill-bolla li titwahhal fuq kull pakkett dazjat. Fil-kaz odjern, izda, hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kkonferma li dawn is-sigaretti ma kienux dazjati. Kollox kien esebit formalment bil-konsegwenza li lanqas din il-Qorti ma tista' tikkonstata dan *ictu oculi*;

19. Illi sahansitra ir-ricevuta rilaxxjata mill-Ispettur Prosekutur tiddeskrivi dawn is-sigaretti hekk: "One (a) box containing 50 cartons, containing 200 cigarettes each carton, branded Rothmans blue found in vehicle VW Golf bearing registration number KAE 203 on the 30th January 2008". Ir-ricevuta rilaxxjata minn John J Azzopardi bhala Ufficcjal ta' Dwana li ha konsenja tas-sigaretti minghand l-Ispettur

Prosekutur ggib l-istess deskrizzjoni. In-Nota ta' Qbid (Dok PD2) tghid biss: "Kaxxa, b'50 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna – Rothmans Blue). Lanqas id-deposizzjoni ta' PS 1086 ma titfa' dawl fuq l-istat ta' dawn is-sigaretti meta jghid biss illi raw kaxxi tas-sigaretti ghaddejjin minn vettura ghall-ohra u l-kienu arrestati ghal aktar investigazzjoni. Ma jghidx, izda, ghaliex mexa ghall-arrest. Dan ifisser illi mkien ma kien dikjarat illi dawn is-sigaretti ma kienux dazjati: la mix-xhieda u wisq anqas mid-dokumenti esebiti u l-uniku istanza fejn jissemma dan huwa fl-imputazzjoni li hija biss allegazzjoni. Dan l-istat ta' fatt jehtieg li jkun pruvat u mhux prezunt;

20. Jidher ukoll illi l-kaxxi tas-sigaretti kienu kollha ssigillati meta nstabu fil-pussess tal-imputat u l-ko-imputat. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif hadd ma tressaq quddiem l-ewwel Qorti biex jispjega l-*iter* ta' dan kollu u biex jghid minghajr tlaqliq li meta infethu dawn il-kaxxi instabu li kienu mhux dazjati. Anke mid-deposizzjoni tal-imputat stess tirrizulta incertezza tali li lanqas hu stess ma jaf xi xtara. Huwa spjega kif ha konsenja tal-kaxxi li kienu mghaluqa u qatt ma infethu quddiemu mill-Pulizija. Illi ghalhekk l-imputat ghandu ragun fl-ewwel aggravju tieghu li issa jitqies bhala sottomissjoni dwar l-apprezzament tal-provi;

21. Illi ghalhekk tirrizulta mankanza serja fil-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u ghal dawn il-motivi il-Qorti mhix qed issib htija fl-imputat u konsegwentement qed tilliberah. Stante li ma jirrizultax pruvat li dawn is-sigaretti huma b'xi mod illeciti, din il-Qorti mhix qed tordna l-konfiska taghhom skond il-Kapitolu 37 tal-ligijiet ta' Malta.